MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 118/2006

Kawza fil-lista: 53

**A B li qed tidher f' isimha**
**u f' isem il-minuri C B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Ottubru 2004, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel komuni tal-partijiet, C, li llum ghandu circa erba' snin; illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet iddeterjorat minhabba ragunijiet legalment validi fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, u "ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-proceduri ta' separazzjoni personali."; u ghalhekk qed titlob [1] li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] id-dekadenza mid-drittijiet kontemplat fl-artikolu 48[1] tal-Kap.precitat; [3] li l-konvenut jhallas manteniment lill-attrici, ghalhija u ghal binhom minuri; [4] li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tifel C li ghadu minorenni;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jattribwixxi t-tort ta' dan esklussivament lill-istess attrici; jitlob ix-xoljiment u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; jopponi ghat-talba sabiex hu jigi ordnat ihallas manteniment lil martu, ghaliha; u jotlob li l-kura u kustodja tat-tifel minuri taghhom tkun wahda kongunta, b' access ugwali bejn il-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati; u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi dawn it-tortijiet lill-attrici.

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Ottubru 2004, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifel C li llum ghandu circa erba' snin.

Illi l-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata bi glied kontinwu, dovut principalment ghas-suspetti ta' l-attrici li zewgha kien infidel lejha; barra minnhekk tghid li hu bniedem aggressiv, u ta' spiss kien jerfa' idejh fuqha. Fit-2 ta' Novembru 2005, wara konvivenza matrimonjali ta' circa sena, il-konvenut telaq mid-dar konjugali.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li hu kien jissusspetta li martu kellha relazzjoni ma' ragel iehor li jdentifikah b'

ismu, u kien ikun hemm hafna glied bejniethom fuq hekk. Jghid li hu ma telaqx mid-dar minn rajh, izda ma setghax jidhol peress li l-attrici kienet ghalqet il-bieb bl-istanga.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi, u l-partijiet illimitaw ruhhom ghad-dispozizzjonijiet taghhom. It-tnejn jallegaw l-adulterju fil-konfront ta' xulxin, u t-tnejn jattribwixxu lil xulxin relazzjoni extra matrimonjali wara s-separazzjoni de facto.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-provi huma skarni, il-Qorti tosserva li jirrizulta sodisfacentement li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment, stante li l-partijiet ma jistghux jikkonvivu flimkien. F' dan i-sens qed tintlaqa' l-ewwel talba kif mressqa mill-attrici, b' responsabbilita' taz-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**
Illi, tenut kont tal-fatt li t-tifel ilu jghix ma' l-attrici minn mindu twieled, u tenut kont tal-fatt li ma ngabux provi li juru li dan qed ikun ta' pregudizzju ghat-tifel, il-Qorti hi tal-fehema li, fl-interess primarju tal-minuri, dan jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva taghha; filwaqt li qed takkorda access favur il-konvenut kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha mill-5.30 pm sas 7.30 pm, u, fil-weekend, kull nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd, b' mod alternat, mid-9.30 am sal-12.00 pm. It-tifel ghandu jingabar u jigi ritornat quddiem l-ghassa ta' Haz Zabbar.

Il-partijiet huma ordnati li hadd minnhom ma jesponi lil minuri ghal xi siehba jew sieheb tieghu.

**Manteniment**
Illi l-provi mressqa f' din il-kawza jinpernjaw fuq dan l-aspett tas-separazzjoni.

Il-konvenut, li ufficjalment kien jahdem f' bakery kien jaqbad f' idejh Lm55 fil-gimgha, filwaqt li l-attrici ma kienitx qeda tahdem peress li t-tifel kien ghadu zghir hafna. F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti, fuq talba ta' l-attrici, kienet ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mensili ta'

Lm80, in kwantu ghal Lm60 bhala manteniment ghaliha, u r-rimanenti Lm20 bhala manteniment ghat-tifel minuri.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut qatt ma hallasha manteniment, nonostante din l-ordni tal-Qorti. Fil-mori tal-proceduri l-impieg tal-konvenut gie terminat peress li, skond hu, ma setghax ikompli jahdem aktar fil-bakery minhabba kondizzjoni medika. Huwa pprezenta certifikat mediku li juri li mid-9 sat-12 ta' Dicembru 2006 huwa kien dahal l-isptar.
In propozitu l-Qorti tosserva li l-konvenut ma rnexxielhux jipprova b' mod sodisfacenti li huwa waqaf mix-xoghol minhabba kondizjoni medika. Ic-certifikat mediku stess jaghti konfort lil din il-verzjoni, stante li ma jirrizultax li l-konvenut ghandu affarijiet gravi li jimpeduh mix-xoghol. Inoltre, ghalkemm fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2009 huwa kellu jipproduci bhala xhud tabib biex jixhed dwar il-kapacita' fizika tieghu ghax-xoghol, huwa naqas li jingungi lil dan ix-xhud.

Illi tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut waqaf mix-xoghol tieghu proprju biex ma jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti; u inoltre ma pprovax li hu ma jahdimx band' ohra. In fatti, fix-xhieda tieghu tas-19 ta' Novembru 2008 jghid li d-dipartiment tas-sigurta' socjali ma riedx jaghtih relief.

*Manteniment arretrat*
Ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat ihallas lill-attrici bhala arretrat ta' manteniment ghaliha u ghal binhom inuri s-somma ta' €8,478 **[ekwivalenti ghal Lm3,640]** rapprezentanti manteniment ghall-perijodu li jestendi mit-30 ta' Gunju 2006 sal-21 ta' April 2010 [Lm80 x12xhur x 3snin = Lm2880 + [Lm80 x 10xhur – 40 jum]].

*Manteniment futur*
Illi, ghalkemm il-Qorti thoss li l-attrici m' ghandhiex tircevi manteniment minghand il-konvenut ghaliha anke peress li hi kapaci tahdem kif jirrizulta mill-provi, izda l-konvenut ghandu jhallas lilha manteniment ghat-tifel minuri taghhom, u ghalhekk *rebus sic stantibus* tordna li dan ihallas lill-attrici ammont mensili ta' €140 **[ekwivalenti**

**ghal Lm60],** filwaqt li l-ispejjez straordinarji relatati mas-sahha tal-minuri ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Dan il-manteniment ghandu joghola kull sena skond l-indici ufficjali ta’ l-gholi tal-hajja; izda ghandu jieqaf hekk kif il-minuri jaghlaq it-tmientax-il sena, jew qabel, jekk il-minuri jibda jahdem f’ impieg regolari.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi, anke f’ dan ir-rigward, il-provi huma skarsi ghall-ahhar, u bazikament jikkonsistu f’ lista ta’ spejjez li l-konvenut jghid li saru fid-dar matrimonjali numru hamsa [5] St.Joseph, St.Joseph Street, Zabbar li hi proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici. Il-lista ta’ l-ispejjez hija elenkati fin-nota guramentata tal-konvenut, li ma giex kontratatament adegwatament mill-attrici. Kopja taghha qeda tigi anness mal-gudizzju odjern biex tifforma parti ntegrali ta’ l-istess [Appendici A – fol.111].

Illi skond din il-lista saru diversi xogholijiet fil-fond ta’ l-attrici, u spejjez, a kura ta’ Louis B, in-nannu tal-konvenut. Illi, stante li ma jirrizultax car li dawn ix-xogholijiet kienu saru bhala donazzjoni lill-konvenut biss, hija sotenibbli u valida l-prezunzjoni li dawn saru bhala donazzjoni, u ghab-beneficju taz-zewg partijiet. Ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra dawn l-ispejjez, bhala dejn tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi l-valur komplessiv huwa ta’ €13,114 [ekwivalenti ghal Lm5,630], mill-liema ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ €3,960 [ekwivalenti ghal Lm1,700] spejjez tal-gallinar maghmul mill-konvenut u li din il-Qorti ser tordna li jigi ritornat lilu. Ghalhekk l-ammont li ser jigi diviz bejn il-partijiet huwa ta’ €9,154 [ekwivalenti ghal Lm3,930], li nofsu jammonta ghal €4,577 [ekwivalenti ghal Lm1,965].

Konformament mal-premess, il-Qorti tordna li x-xogholijiet li saru fil-fond parafernali ta’ l-attrici, jbqghu proprjeta’ taghha, skond il-ligi, filwaqt li l-kreditu tal-konvenut f’ dan ir-rigward u li huwa dovut mill-attrici huwa ta’ €4,577 **[ekwivalenti ghal Lm1,965];** tordna wkoll li sehem l-

attrici mill-gallinar jigi assenjat lill-konvenut b' mod li dan ikun kollu proprjeta' tieghu, filwaqt li l-konvenut ghandhu jhallas lill-attrici s-somma ta €1,980 [**ekwivalenti ghal Lm850]** sehemha mill-imsemmija struttura; tordna wkoll li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' €1,398 **[ekwivalenti ghal Lm600]** rapprezentanti s-sehem taghha mill-pagamenti tal-loans mhallsa mill-konvenut tul il-konvivenza matrimonjali [Lm100x12 ÷ 2]; tordna wkoll li l-karrozza Hyndai Pony, li qed tigi stmata mill-Qorti arbitrio boni viri fl-ammont ta' €2,329 [ekwivalenti ghal Lm1,000] tigi assenjata lill-attrici li, minn naha taghha ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta' €1165 **[ekwivalenti ghal Lm500]** sehemu mill-imsemmija vettura.

Ghalhekk l-attrici, filwaqt li qed izzomm il-benefikati kollha li saru fil-fond parafernali taghha, u qed tigi assenjata l-proprjeta' ta' l-oggetti u l-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali, u qed tigi assenjata wkoll l-imsemmija vettura, hija ghandha taghti lill-konvenut is-segwenti ammonti: €4,577 [ekwivalenti ghal Lm1,965], €1,398 [ekwivalenti ghal Lm600] u €1165 [ekwivalenti ghal Lm500] - b' kollox €7,140 [ ekwivalenti ghal Lm3,065] minn liema ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €1,980 [ekwivalenti ghal Lm850]  kreditu ta' l-attrici kif fuq indikat; u ghalhekk, l-ammont nett dovut mill-attrici lill-konvenut huwa ta' €5,160 [**ekwivalenti ghal Lm2,215].**

Illi meta wiehed jikkonsidera li l-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma komplessiva ta' €8,479 [ekwivalenti ghal Lm3,640] manteniment arretrat, u li d-debitu ta' l-attrici huwa ta' €5,160 [ekwivalenti ghal Lm2,215] jirrizulta li l-attrici ghandha tiehu mill-konvenut l-ammont bilancjali ta' €3692 [ekwivalenti ghal Lm1,585], u konsegwentement tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici dan l-ammont ta' €3,319 **[ ekwivalenti ghal Lm1,425].**

**Decide**
**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:**

**[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b' tort ugwali;**

**[2] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tordna li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'; tiddikjara wkoll li z-zewg partijiet iddekadew fit-termin ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;**

**[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-hlas ta' manteniment lill-attrici, ghat-tifel minuri taz-zewg partijiet kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni ntestata 'Manteniment';**

**[4] tilqa' ir-raba talba limitatament, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja'.**

**Spejjez bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------